# Il-Ħadd 08.05.2016

1. Illum 08/05, **is-Seba' Ħadd tal-Għid – Lapsi** u *Jum il-Komunikazzjoni Soċjali*:
   ***– Jum l-Omm***:
   - Fis-6:00pm, Quddiesa fiċ-Ċimiterju *(u mhux fil-knisja parrokkjali)*.

2. It-Tnejn 09/05 - **Festa ta' San Ġorġ Preca**:
   - Fis-6:00pm, Quddiesa fl-Awditorjum tad-Dar Ġenerali tal-MUSEUM, fil-Blata l-Bajda.
   - Fis-6:30pm, Quddiesa animata mill-membri tal-oqsma tal-MUSEUM fil-parroċċa tagħna.

3. It-Tlieta 10/05:
   - Fis-7:15pm tiltaqa' il-Kummissjoni Djakonija fl-Uffiċċju Parrokkjali.

4. Il-Ħamis 12/05:
   - Fis-7:15pm - Laqgħa għall-Ġenituri tat-tfal li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina matul din is-sena. Din ser tkun immexxija mill-Kappillan u ser issir fil-Museum tas-Subien.

5. Il-Ġimgħa 13/05:
   - Fis-7:00pm - Festa Komunità fl-Iskola Sekondarja, Kulleġġ San Benedittu, Kirkop b'divertiment varjat għall-familja kollha, bil-għan li jinġabru fondi b'risq is-Sorijiet Franġiskani f'Londra. Inħeġġukom tattendu.
   - Fit-8:00pm - Laqgħa għall-koppji miżżewġa u wara ħin fejn nieħdu xi ħaġa flimkien fiċ-Ċentru Parrokkjali. Min bi ħsiebu jattendi jinforma lill-Kappillan jew lil xi ħadd mill-kummissjoni Familja biex isiru l-preparamenti meħtieġa.

6. Is-Sibt 14/05:
   - Fid-9:00pm, Quddiesa u laqgħa ta' talb għall-qdusija tal-kleru li tispiċċa fil-11:00pm. Ser issir fil-knisja parrokkjali tal-Imsida.

7. Il-Ħadd 15/05, **Għid il-Ħamsin – Pentekoste**:
   - Fit-8:15am - Quddiesa li fiha jiġu pprezentati dawk li ser jagħmlu l-Griżma tal-Isqof f'Ottubru li ġej.

8. Avviżi oħra:
   - Nirringrazzjaw lil dawk kollha li laqgħuna f'darhom biex nitolbu flimkien u nagħmlu it-tberik għal din is-sena, kif ukoll grazzi tal-ġenerożità tagħkom, kemm bi kliem ta' inkuraġġiment u kemm bid-donazzjonijiet għall-knisja. Biss nappella biex dawk li għal xi raġuni jew oħra ma setgħux meta indikat, imma li xorta jixtiequ jbierku, ħalli jikkuntattjaw lill-Kappillan u jagħmlu appuntament.

9. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 295 bħala ġabra speċjali b'risq il-manutensjoni tal-knisja u r-restawr tan-niċċa u l-bankun ta' San Pawl. Grazzi mill-qalb.

10. Nitolbu għal Antonia D'Amato li għaddiet għal ħajja ta' dejjem din il-ġimgħa.
    Agħtiha o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...